21 ta' April, 1947.

Imhallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E. LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Vittoria Cortis et. *versus* Gio Maria Sammut

**Servitù — Passaġġ — Spoll — Titolu — Tolleranza — Pussess — Art. 506 (1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Huwa veru li s-servitù diskontinwi, apparenti jew le, ma jistgħux jiġu akkwistati mingħajr titolu, u ma jistgħux jiġu stabbiliti bil-preskrizzjoni jew bid-destinazzjoni ta' missier tal-familja, bħal ma*

*hija s-servitù ta' passaġġ; però f'materja ta' spoll hemm prinċipji oħra, fis-sens li biex jagħti lok għall-azzjoni ta' spoll il-pussess ma għandux bżonn jirriżulta minn titolu ta' proprjetà jew servitù, imma huwa biżżejjed kwalunkwe pussess. U hija preferita t-teorija li t-titolu ma hux meħtieġ għall-eżerċizzju tar-"reintegranda" f'każ ta' impediment ta' servitù ta' passaġġ, u n-nuqqas ta' titolu ma hux ta' ostakolu għall-eżerċizzju tar-"remedium spolii".*

*Għalhekk ukoll, f'azzjoni ta' spoll privileġġjat ma tistax tiġi implikata u deċiża l-kwistjoni jekk l-attur għandux titolu, imma huwa biżżejjed li jkun hemm l-element tal-pussess, u ta' kwalunkwe pussess.*

*It-tolleranza ma tistax tagħti azzjoni ta' spoll; imma dik it-tolleranza għandha tirriżulta almenu "prima facie"; u meta dik it-tolleranza tirriżulta eskluża, l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' azzjoni bażata fuqha hija inammissibili.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremettiet illi fil-bidu ta' April 1946 il-konvenut bena kanali tal-ġebel għoljin xi erba' piedi fit-triq tar-raba' li tinsab fil-Mellieħa, fil-kuntrada ta' l-Aħrax tal-Madonna, liema triq hija magħrufa bħala la "tar-Ramla tat-Torri ta' l-Abjad", u li minnha l-atturi għandhom dritt jgħaddu bir-riġel u bil-bhima; talbet li l-konvenut, prevja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li huwa ikkommetta spoll reċenti tad-dritt tal-passaġġ fuq imsemmi ta' l-atturi, jiġi kundannat ~~jaqla' u~~ jirrimovi l-imsemmijin kanali tal-ġebel mit-triq tar-raba' fuq deskritta, u dan fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissalu l-Qorti; u li fin-nuqqas tal-konvenut l-atturi jiġu awtorizzati jneħħu huma stess il-kanali tal-ġebel a spejjeż tal-konvenut. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju, kompriżi dawk tal-protest tat-12 ta' April, 1946; b'riżerva ta' kull dritt ieħor għad-danni; u bl-inġunzjoni lill-konvenut biex jidher għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti fuq imsemmija fl-24 ta' Lulju 1946, fejn laqgħet it-talba u pprefiġġiet lill-konvenut, għall-finijiet tagħha, it-terminu ta' ħmistax-il ġurnata;

u jekk dawn jgħaddu inutilment, l-atturi jibqgħu awtorizzati li jirrimettu kollox fl-istat *pristinu* għas-spejjeż tal-konvenut taħt id-direzzjoni tal-perit ġà adoperat mill-Qorti; u jekk dana l-perit ikun jidhirlu meħtieġ, bl-assistenza tal-marixxall tal-Qorti; u ordnat illi l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi deher illi minn xi ħmistax-il sena 'l hawn l-atturi soltu jgħaddu bir-riġel u bil-bhima mit-triq fejn hemm il-kanali; illi rriżulta wkoll mix-xhieda ta' l-istess konvenut illi xi xahar qabel il-kawża preżenti dan il-konvenut bena kanali tal-ġebel, għoljin xi tliet piedi, li bihom ġie ostruwit il-passaġġ fuq imsemmi;

Illi huwa veru dak li osserva l-konvenut, illi s-servitujiet diskontinwi, apparenti jew le, jistgħu jiġu stabbiliti biss b'titolu, u ma jistgħux jiġu stabbiliti bil-preskrizzjoni jew bid-destinazzjoni ta' missier il-familja (art. 506 (1) Kodiċi Ċivili, Kap. 23). Hu wkoll veru li f'dan il-każ ma hemm ebda titolu li minnu tirriżulta s-servitù tal-passaġġ, li hi servitù diskontinwa. Però f'materja ta' spoll hemm prinċipji oħra; infatti huwa riċevut fil-ġurisprudenza nostrali (ara sentenza ta' din il-Qorti "Scicluna vs. Zarb", 15 ta' Jannar 1874—Vol. VII, p. 16), illi "il possesso a cui allude la detta legge non è il possesso a titolo di proprietà o di servitù, o come conseguenza della detta proprietà o servitù, ma un possesso qualunque esso sia". Kien għalhekk illi l-Qorti ta' l-Appell (President Sir Michel-Angelo Refalo, Imħallfin Dr. L. Camilleri u G.B. Mifsud) fil-kawża "Mizzi vs. Sant", deċiża fl-14 ta' Frar 1921, a propożitu ta' eċċezzjoni simili għal dik sollevata mill-konvenut odjern kienet irriteniet, b'rikjam tant għas-sentenza ta' din il-Qorti fuq ċitata, kemm fuq l-awtorità ta' monografija tal-Giolo, illi "secondo la nostra legge può stare benissimo che il quasi-possesso di una servitù di passaggio si trovi derivare non da titolo, ma semplicemente da uno stato di cose a cui spogliante e spogliato avessero aderito o si fossero acquietati, e si dia nondimeno l'azione possessoria 'de reintegranda', non essendo lecito ad una delle parti mutare quello stato di cose violentemente o clandestinamente, nè potendosi eccepire il difet-

to di titolo, quando questo è necessario soltanto per l'acquisto di una servità discontinua, non già per difendersi contro uno spoglio mediante l'azione possessoria di cui in detto articolo 230, pei fini della quale non è richiesto un possesso legale a titolo di servitù, ma basta un possesso qualunque esso sia'';

Aktar 'il quddiem il-Qorti ta' l-Appell kompliet qalet :—''La legge civile all'articolo 230 sopra citato, in coerenza alla detta disposizione della legge penale, non guarda al possesso che come mero fatto materiale senza significato giuridico......'' F'dan is-sens tal-gurisprudenza Maltija hija wkoll biċċa konsiderevoli tal-pronunċjati tal-Qrati Taljani, avvolja taħt dak il-Kodiċi hemm fl-art. 630 dispożizzjoni simili għall-art. 506 fuq ċitat tal-Kodiċi Malti, rikjedenti t-titolu għas-servtù diskontinwa, apparenti jew le (ara d-deċiżjonijiet f'dan is-sens riportati fil-Fadda taħt l-artikoli 695-697, fil-paragrafi 322, 325, 326, 327, 331, 332, 333, 334, 341). Hemm deċiżjonijiet kuntrarji; imma kif jidher mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fuq ċitata, dik il-Qorti ippreferiet it-teorija illi t-titolu mhux meħtieġ għall-eżerċizzju tar-reintegranda f'każ ta' impediment ta' servitù ta' passaġġ;

Illi mill-provi ma hemmx dubju illi għal żmien twil Salvu Gauci, l-awtur tal-konvenut (ara kuntratt fol. 20), kien adeżixxa għal dana l-istat ta' fatt, illi ċjoè l-atturi jgħaddu mit-triq tal-kanali bir-riġel u bil-bhima, u għalhekk il-konvenut ma setax ibiddel vjolentement dan l-istat ta' fatt, u dan indipendentement mit-titolu, fis-sens tas-sentenza fuq imsemmija;

Illi għalhekk in-nuqqas ta' titolu ma hux ta' ostakolu għall-eżerċizzju tar-''remedium spolii'';

Illi l-konvenut ġieb anki 'l quddiem id-deduzzjoni illi l-azzjoni ta' spoll reċenti ma hix eżerċibili għaliex il-mogħdija kienet b'tolleranza. Lanqas dina d-deduzzjoni però ma hi eżatta. Fil-każ in ispeċje l-atturi ma humiex jeżerċitaw din il-mogħdija b'konċessjoni u kondixxendenza ta' l-awtur tal-konvenut (Salvu Gauci), imma in segwitu ta' l-''istat ta' fatt'' li ġie kreat meta sar il-kuntratt fol. 20, kif spjegat dan l-istat ta' fatt mill-ottwaġenarju Giuseppe Gauci, missier l-attriċi u missier l-awtur tal-konvenuti, fix-xhieda tiegħu fol. 11 tergo, stat

ta' fatt rikonoxxut (kif stqarr l-istess Salvu Gauci) sa tliet xhur qabel ma hu ta x-xhieda tiegħu (fol. 13), jiġifieri ma' tul qrib ħmistax-il sena. Kien hemm fil-kliem tas-sentenza fuq ċitata tal-Qorti ta' l-Appell. "stat ta' fatt li għalih aderew l-ispoljati u l-ispoljant fl-okkażjoni tad-diviżjoni li saret bil-kuntratt fuq imsemmi". Hawn ma hijiex kwistjoni ta' tolleranza ta' Salvu Gauci, awtur tal-konvenuti, imma kwistjoni ta' stat ta' fatt aċċettat mit-tfal tax-xhud Giuseppe Gauci (fosthom l-attriċi u Salvu Gauci) fl-okkażjoni ta' dik id-diviżjoni. Tant kien dan l-istat ta' fatt rikonoxxut minn Salvu Gauci, awtur tal-konvenut spoljant, illi hu sa anki kien saqqaf biċċa mill-kanali biex ma ssirx ħsara lill-bhima fil-waqt li jkun qiegħed jiġi pratikat il-passaġġ. Dan Salvu Gauci qal illi saqqaf il-kanali mhux sabiex jevita li ssir ħsara lill-bhima, imma sabiex l-ilma tal-wied ma jmurx u jagħmillu ħsara fir-raba' (fol. 12 u 13); imma fl-aċċess "in faciem loci" il-perit adoperat mill-Qorti eżamina din il-parti msaqqfa u, fuq mistoqsija tal-Qorti, qal illi l-kanali ma setgħux ġew imsaqqfa għall-iskop li qal Salvu Gauci, imma li anzi, bil-fatt li saqqafhom, l-ilma aktarx jaqbeż minn fuq il-kanal li saqqaf għal ġewwa r-raba' (ara risposti tal-perit fol. 43). Ix-xhud Francesco Gauci (imsejjaħ mill-konvenut) qal, fol. 14, illi mill-qasma li saret xi sittax-il sena ilu huma (jiġifieri t-tfal ta' Giuseppe Gauci) kienu jgħaddu minn fejn ikollhom bżonn "bil-bona grazzja ta' xulxin". Dawn il-kliem, rettament apprezzati, ma jtissrux illi din il-mogħdija kienet tolleranza ta' Salvu Gauci, imma illi fl-okkażjoni tal-qasma "ġew aċċettati mill-kondividenti ċerti stati ta fatt li huma rritenew meħieġa għall-ekwità tad-diviżjoni", bħal-komunjoni tas-sinjali u l-mogħdijiet. Il-ġurisprudenza ċitata mill-konvenut, kif jidher mill-pronunċjati li hemm riportati fil-Fadda (loc. cit.), hija applikabili għal meta wieħed ikun għamel konċessjoni ta' "buon vicinanza" lil ħadd ieħor, u mbagħad, meta jirrevokahielu, dan il-ħadd ieħor jippretendi li ġie spoljat—pożizzjoni ġuridika diversa minn dik attwali, li fiha l-mogħdija in kwistjoni kienet parti mir-ranġamenti li saru dipendentement mill-kompless tal-qasma għall-ekwità tagħha, u bil-kuntentizza tal-kondividenti kollha;

Rat in-nota ta' l-appell *tal-konvenut u l-petizzjoni* tiegħu, fejn talab illi dik is-sentenza tiġi revokata u t-talbiet ta' l-atturi jkun respinti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-gravami *ta' l-appellant* huma illi mingħajr titolu ma jistax ikun hemm servitù diskontinwa, apparenti jew le, u għalhekk l-appellati qatt ma setgħu jeżerċitaw il-passaġġ per mezz ta' *dritt*. Għandu *jiġi rilevat illi f'dan* l-istadju qegħdin fl-azzjoni ta' spoll privileġġjat, u għalhekk kwalunkwe kwistjoni ta' proprjetà ma tistax tiġi implikata u deċiża f'din il-kawża, peress *illi l-atturi għandhom semplicement* juru l-element tal-pussess, u ta' kwalunkwe pussess. Għalhekk anki dik il-kwistjoni sollevata mill-appellanti hija kwistjoni li tintakka l-kwistjoni tad-*dritt*, u *mhux tal-pussess;*

Tikkunsidra;

Illi gravam *ieħor* ta' l-appellanti huwa illi dak il-passaġġ kien għat-tolleranza, u din ma tistax tagħti ebda azzjoni ta' spoll. Dan huwa eżatt fil-każ li jirriżulta "prima facie" illi kien hemm din *it-tolleranza*, mentri fil-każ in ispeċje din it-tolleranza ġiet kategorikament eskluża mill-kontroparti; u allura, kieku kienet ammissibili *l-eċċezzjoni ta' l-appellant*, illi l-Qorti għandha *tidħol* "funditus" fil-kwistjoni biex tara jekk kienx hemm tolleranza jew le, tista' eventwalment tiġi vulnerata fil-fondament tagħha din l-azzjoni privileġġjata ta' l-ispoll, fejn "spoliatus ante omnia restituendus" meta l-attur juri li kellu l-pussess jew kważi-pussess jew detenzjoni talħaġa. Issa l-atturi wrew sodisfaċentement, dejjem għall-iskop ta' din l-azzjoni, u mingħajr preġudizzju ta' l-azzjoni petitorja, illi huma kienu fil-kważi-pussess ta' din is-servitù talpassaġġ; u dan jirriżulta sew mix-xhieda tal-missier, Giuseppe Gauci, li jaf tajjeb l-istat ta' l-affarijiet, għaliex kien huwa li ta r-raba' lit-tfal, sija anki mix-xhieda ta' Francesco Gauci;

Għalhekk jidher li l-atturi wrew l-elementi kollha ta' din l-azzjoni, u f'dan l-*istadju possessorju* għandhom ikunu protetti;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, li huma adottati;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenut, u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell, bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant; b'dan illi ż-żmien mogħti fl-ewwel sentenza jibda jgħaddi mil-lum.